



Brussell, 18 ta' Jannar 2019
(OR. en)

5467/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0281(NLE)

WTO 20
AGRI 28
UD 21
COASI 5

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	10879/18 WTO 184 AGRI 342 UD 158 COASI 182 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'rabta ma' DS492: L-Unjoni Ewropea - Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam - Adozzjoni

1. Fil-5 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar¹, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'rabta ma' DS492: L-Unjoni Ewropea - Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni² ta' dak il-Ftehim.

¹ Dok. 10878/18 WTO 183 AGRI 341 UD 157 COASI 181 + ADD 1.

² Dok. 10879/18 WTO 184 AGRI 342 UD 158 COASI 182 + ADD 1.

2. Fit-18 ta' Settembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar³ tal-Ftehim. Fl-istess ħin u f'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jidher fid-dokument 10882/18 WTO 187 AGRI 345 UD 161 COLAC 185 + COR 1 (it), flimkien mal-Ftehim innifsu⁴, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, bil-ħsieb tat-tħejjija għall-konklużjoni futura tal-Ftehim.
3. Il-Ftehim maċ-Ċina ġie ffirmat fit-30 ta' Novembru 2018.
4. Fis-16 ta' Jannar 2019, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.
5. Fit-18 ta' Jannar 2019, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) approva l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden biex:
 - jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 10882/18 WTO 187 AGRI 345 UD 161 COASI 185 + COR 1 (it);
 - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

³ Dok. 10881/18 WTO 186 AGRI 344 UD 160 COASI 184 (ippubblikat fil-ĠU L 237, 20.9.2018, p. 2).

⁴ Dok. 10883/18 WTO 188 AGRI 346 UD 162 COASI 186.